1. Fuq it-tieni u t-tielet motiv eżaminat mill-Qorti Ġenerali

Huwa minħabba żball manifest ta’ evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali ma tagħtix lid-*Dokument tax-Xogħol tad-Direttorat Ġenerali tal-Istudji tal-Parlament Ewropew dwar “L-immunità Parlamentari fl-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u fil-Parlament Ewropew, sensiela Affarijiet ġuridiċi”* valur normattiv u ma tiħux inkunsiderazzjoni l-prinċipji li huma mfakkra fih, li jwassalha għal evalwazzjoni żbaljata tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 fir-rigward tal-fatti tal-każ.

2. Fuq ir-raba’ motiv eżaminat mill-Qorti Ġenerali

— Fuq il-ġurisprudenza eżistenti

Kuntrarjament għal dak li tiddikjara l-Qorti Ġenerali, kienet teżisti ġurisprudenza stabbilita sew tal-Parlament “*li tikkonsisti li jiġu miċħuda t-talbiet ta’ tneħħija ta’ immunità parlamentari bbażati fuq fatti relatati mal-attività politika tal-Membri*” li kellha twassalha għal konklużjoni differenti dwar it-tneħħija tal-immunità parlamentari.

— Fuq il-*fumus persecutionis*

Ma hemm ebda kontroll min-naħa tal-awtoritajiet ġudizzjarji rigward in-natura partiġjana jew le ta’ assoċjazzjoni, ħaġa li l-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni mis-sempliċi qari tal-liġi tad-29 ta’ Lulju 1881.

Il-Qorti Ġenerali setgħet tivverifika, permezz tal-eżami tal-termini tal-istedina għall-konferenza tal-Fédération des Maisons des Potes, in-natura partiġjana ta’ din l-assoċjazzjoni li hija avversarja politika tal-Front National u ta’ Jean-François Jalkh.

Dan huwa każ identifikat bħala *fumus persecutionis*.

---

**Appell ippreżentat fil-21 ta’ Diċembru 2018 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (is-Seba’ Awla Estiża) fl-24 ta’ Ottubru 2018 fil-Kawża T-29/17, RQ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-831/18 P)**

(2019/C 65/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Keppenne, J. Baquero Cruz, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* RQ

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (is-Seba’ Awla Estiża) tal-24 ta’ Ottubru 2018 fil-Kawża T-29/17, sa fejn din tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 1449 final tat-2 ta’ Marzu 2016 dwar talba għal tneħħija tal-immunità ġudizzjarja ta’ RQ;

— tiċħad ir-rikors għal annullament tal-appellat f’dan l-appell ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, u tagħti deċiżjoni definittiva fuq il-kwistjonijiet li huma s-suġġett ta’ dan l-appell, jew, jekk it-tilwima ma hijiex fi stadju li tiġi deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni;

— tikkundanna lir-rikorrent fl-ewwel istanza għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni kemm fl-ewwel istanza kif ukoll f’dan l-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell, il-Kummissjoni tinvoka tliet aggravji ta' dritt:

1. L-ewwel nett, kuntrarjament għall-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni ta' tneħħija tal-immunità ma tikkostitwixxix att li jikkawża preġudizzju lill-appellat u għaldaqstant ma tistax tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament. Is-sentenza taħt appell hija għaldaqstant ivvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn din tqis ir-rikors ammissibbli.

2. It-tieni nett, il-Kummissjoni tqis li s-sentenza taħt appell tagħmel interpretazzjoni inkorretta tad-dritt għal smigħ, stabbilit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, sa fejn din hija bbażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 4(3) TUE (prinċipju ta' kooperazzjoni leali) u tal-prinċipju ġenerali ta' fiduċja reċiproka bejn il-korpi tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

3. It-tielet nett, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-klassifikazzjoni tal-aġir tal-Kummissjoni f'dan il-każ, meta qieset li dan ma kienx biżżejjed sabiex jiġi rrispettat id-dritt għal smigħ tar-rikorrent f'dik il-kawża.